MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Numru 1171/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Melvyn Camilleri**

**vs**

**Simone Grixti**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Simone Grixti bint Anthony u Josephine nee' Oliva, imwielda l-Pieta' nhar id-19 t' Awwissu 1984 u residenti f' numru 6, Corner, Triq ta' Zandu, San Pawl il-Bahar jew 60, Flat 6, Triq l-Isptar l-Antik, Valletta u detentrici tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 491484(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

1. Fil-Gzira u/jew fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, nhar il-31 ta' Lulju 2008 ghall-habta ta' l-21.45 f' post pubbliku

jew f' post espost ghal-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali;

2. Bil-hsieb li taghmel hsara lil Sean Zammit ta' 16-il sena akkuzatu quddiem Awtorita kompetenti b' reat u cioe li kien qed jghix jew jaghmel xi qliegh minn fuq il-prostituzzjoni ta' persuna ohra;

3. F' dawn il-gzejjer f' Lulju 2008 u fix-xhur ta' qabel ippartecipat f' attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta';

4. Kisret il-provedimenti ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta hekk imposti fuqha b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. datata 8 ta' Frar 2008.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Novembru, 2008 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2009 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tas-12 ta' Frar, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall- akkuzi migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv

li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija registrata mill-imputata izda wkoll ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz konnessi mat-trobbija difficli li kellha l-imputata u l-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi jkun ghaqli li l-imputata tinghata opportunita’ sabiex tirriforma ruhha, u dan fl-istess interess ta’ l-imputata u tas-socjeta’.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 17, 101 u 204 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lil imputata hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’applikazzjoni l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lil imputata sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin millum.

Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputata minn naha taghha tiddikjara li fehmet ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tonqos milli tosservaha.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u qeghda taghmel ordni ta’ supervizjoni li permezz ta’ din l-ordni qeghda tqieghed lil hatja taht supervizjoni ta’ l-Ufficjal Sorveljanti Miriam Sevasta ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabilita’ taghha skond il-Ligi jekk ma toqghodx ghal kull ordni leggittima lli taghtiha l-Ufficjal Sorveljanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------